31990R0314

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 314/90
tal-5 ta' Frar 1990
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3945/89 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi, sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati l-miżuri dwar il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ippreskriva r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi sottodiviżjonijiet addizzjonali magħha u li hija stabbilita permezz ta' disposizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-għan li jiġu applikati tariffi jew miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ tal-prodotti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, il-prodotti deskritti fl-ewwel kolonna tal-lista annessa mar-Regolament preżenti jridu jiġu klassifikati skond il-kodiċi NM propizji indikati fil-kolonna 2, minħabba r-raġunijiet imsemmija fil-kolonna 3;

Billi l-Kumitat tan-Nomenklatura ma tax l-opinjoni tiegħu fiż-żmien stabbilit mill-President tiegħu, fuq il-prodott Nru 4 fil-lista annessa;

Billi l-miżuri pprovduti minn dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura għall-prodotti Nri 1,2,3,5, u 6 fil-lista annessa,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fl-ewwel kolonna tal-lista annessa issa huma klassifikati fin-nomenklatura magħquda skond il-kodiċi NM propizji indikati fil-kolonna 2 tal-lista msemmija.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fil-5 ta' Frar 1990.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, pġ. 1.
[2] ĠU L 374, tat-22.12.1989, pġ. 2.

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni tal-Kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Blokok iffriżati ta' flett tas-sider tat-tiġieġa fi brodu magħmul mill-ilma, karkassi tal-laħam tat-tjur, ħxejjex u trab tal-brodu. Il-blokok jiżnu madwar 15kg u bejn wieħed u ieħor għandhom l-istess ammont ta' flett u brodu	1602 39 30	Il-klassifikazzjoni hija determinata mid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u t-testi tal-kodiċi NM 1602, 1602 39 u 1602 39 30. Il-fatt li l-flett huwa fil-brodu jeskludih mill-Kapitolu 2 (ara n-Noti ta' Spjegazzjoni tas-SA, Kapitolu 2, "Distinzjoni bejn laħam u ġewwieni f'dan il-Kapitolu u fil-Kapitolu 16", l-ewwel paragrafu). Il-prodott m'huwiex bażi għas-soppa jew brodu skond it-tifsira tal-kodiċi NM 2104 10 00 (ara n-Noti ta' Spjegazzjoni tas-SA, titolu 2104 A, l-ewwel paragrafu).
2. Preparazzjoni tat-tadam li fiha kwantità żgħira ta' biċċiet tat-tadam li jidhru, ġulepp taz-zokkor, żejt veġetali, u ħwawar. Il-prodott huwa fil-forma ta' zalza u huwa ippakkjat għall-bejgħ bl-imnut	2103 20 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata mid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u t-testi tal-kodiċi NM 2103 u 2103 20 00. Minħabba li l-prodott huwa ppreżentat bħala zalza bi kwantità żgħira ta' biċċiet tat-tadam li jidhru ma jistax jitqies bħala ħaxix ippreparat skond il-Kapitolu 20 tan-nomenklatura magħquda (ara n-Noti ta' Spjegazzjoni tas-SA, titolu 2103 A, it-tieni paragrafu)
3. Preparazzjoni f'forma ta' trab għal zalza tat-tarja, sempliċiment billi żżid l-ilma jew il-ħalib. *Kompożizzjoni:* — 48 % bl-użin trab tal-ġobon, — 20 % bl-użin trab tax-xorrox, — 8 % bl-użin ta' ħwawar varji, — 6 % bl-użin ta' trab tal-ħalib tal-butir, — 6 % bl-użin lamtu immodifikat, — 4 % bl-użin trab tal-krema, — 4 % bl-użin dqiq tal-qamħ, — 4 % bl-użin ta' essenzi varji, inkluż melħ tat-tisjir,	2103 90 90	Il-klassifikazzjoni hija determinata mid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u t-testi tal-kodiċi NM 2103, 2103 90 u 2103 90 90. B'mod partikolari minħabba l-preżenza tad-dqiq u l-lamtu bl-iskop li jgħaqqdu, il-prodott huwa bażi għal zalza u mhux trab tal-ġobon jew ġobon maħkuk imħawwar.
4. Taħlita likwida ta' idrokarburi li tikkonsisti bejn wieħed u ieħor f'87 % ta' *paraffins* lineari bil-piż, b'tulijiet ta' ktajjen ta' 8 sa 16 l-atomu tal-karbonju, u bejn wieħed u ieħor 13 % ta' *alkylbenzenes* bil-piż, bi ktajjen laterali ta' 10 sa 12 l-atomu tal-karbonju	2710 00 59	Il-klassifikazzjoni hija determinata mid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u t-testi tal-kodiċi NM 2710 u 2710 00 59. Il-klassifikazzjoni bħala pitrolju hija eskluża minħabba l-konċentrazzjoni ta' *alkylbenzenes*
5. Prodott għall-użu bħala komponent fil-lubrikanti, magħmul minn *isoparaffinic poly(alpha)olefins* sintetiċi, li għandu dawn il-karatteristiċi analitiċi li ġejjin: — Dehra: likwidu mingħajr kulur, ċar, b'viskożità baxxa, u żejtni	3902 90 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata mid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, in-Noti 3 (a) u 6(a) tal-Kapitolu 39 u t-testi tal-kodiċi NM 3902 u 3902 90 00

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni tal-Kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
— Indiċi ta' rifrazzjoni f'tempeatura tà 20 °C: 1,45 63 — Irmied: xejn — *Heteroatoms*: Kubrit, aloġenu, nitroġenu, u negattiv fosforuż — Valur bromin: 0,3 — Distillazzjoni permezz ta' vakwu (1,5 mbar): Temperatura meta jagħli 'l fuq minn 121 °C (= 300 °C ma 1 013 mbar) — Spektrum IR: Essenzjalment juri strippi ta' idrokarburi saturati u alifatiċi — Densità f'temperatura ta' 20 °C: 0,8225 kg/l		
6. Folji ċellulari li jkun fihom bejn wieħed u ieħor 60 % *ethylene-vinyl acetate copolymer* (prodott saturat) u 40 % *fillers* u *pigments*. Il-folji huma ta' forma rettangolari u jvarjaw fil-ħxuna minn 4 sa 16 il-mm	3921 19 90	Il-klassifikazzjoni hija determinata mid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u n-Nota 4 (a) tal-Kapitolu 40 u t-testi tal-kodiċi NM 3921, 3921 19 u 3921 19 90. L-*ethylene-vinyl acetate copolymer* hija sustanza saturata li ma tistax tiġi vvulkanizzata bil-kubrit u għalhekk ma tissodisfax il-kondizzjonijiet tan-Nota 4(a) tal-Kapitolu 40.